

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Diċembru 2013

dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles

(2014/5/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(4) Bħala riżultat ta' dawn in-negożjati, il-Protokoll il-ġdid ġie inizjalat fl-10 ta' Mejju 2013.

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

(5) Sabiex tkun garantita l-kontinwazzjoni tal-attivitàjiet tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni, il-Protokoll il-ġdid għandu jkun applikat provviżorjament mit-18 ta' Jannar 2014, sa meta jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

(6) Il-Protokoll il-ġdid għandu jiġi ffirmat,

Billi:

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

(1) Fil-5 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles ⁽¹⁾ (il-“Ftehim”) permezz tar-Regolament (KE) Nru 1562/2006 ⁽²⁾.

Artikolu 1

L-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni u r-Repubblika tas-Seychelles (il-“Protokoll”) huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

(2) L-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ġew stabbiliti fi Protokoll ⁽³⁾. Il-Protokoll l-aktar reċenti jiskadi fis-17 ta' Jannar 2014.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

(3) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja mar-Repubblika tas-Seychelles, fisem l-Unjoni, Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim (il-“Protokoll il-ġdid”).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 290, 20.10.2006, p. 2 (MT: ĠU L 200M, 1.8.2007, p. 63).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) NRU 1562/2006 tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (ĠU L 290, 20.10.2006, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 345, 30.12.2010, p. 3.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mit-18 ta' Jannar 2014, sa meta jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kunsill
Il-President
V. JUKNA*
